**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 484/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Justin James Grima**

Illum, 20 ta' Settembru 2023

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Justin James Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 124295M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-15 ta' Frar 2022, għall-ħabta ta' 23:30hrs, u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara, u f'dawn il-Gżejjer Maltin, saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RAI 999:

1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan;
2. Uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
3. Saq vettura bil-ħġieġ jew il-windscreen tinted/skurat meta kien tpoġġa xi kulur, film, sustanza jew materjal ieħor mingħajr il-permess tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni

numru (2) peress illi ma tirriżultax u mit-tielet (3) imputazzjoni stante illi hija preskritta, sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni (Kap. 65, Art. 15(1)(a)) fuq ammissjoni tiegħu stess u kkundanatu jħallas multa ta' tlett mitt Ewro. *Inoltre*, il-Qorti swalifikatu ukoll milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tmint ijiem.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u ma sabitx ħtija fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ma sabitx ħtija fir-rigward tat-tieni mputazzjoni u minflok issib ħtija f'dan ir-rigward ukoll u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-appellat Justin James Grima.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-uniku aggravju vventilat minnu, l-Avukat Ġenerali jisħaq li ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din illiberat lill-appellat mit-tieni mputazzjoni dedotta kontrih. Jisħaq li ġaladarba l-appellat, fil-jum tal-inċident *de quo*, ma kellux liċenzja tas-sewqan valida, allura awtomatikament ma seta' qatt ikun kopert b'polza ta' assigurazzjoni valida.

Illi, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, tul is-snin kien hemm deċiżjonijiet li jidhru kemmxejn konfliġġenti mill-qrati tagħna dwar x'interpretazzjoni għandha tingħata lid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta'

Malta, liema artikolu tal-liġi jikkontempla ir-reat ta' sewqan mingħajr kopertura ta' assigurazzjoni meta hemm hekk dispost:–

> **Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq <u>kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra,</u> skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.**

Illi, pero' il-leġislatur ma waqafx hemmhekk u xeħet il-piż tal-prova fuq l-persuna mputata biex jeżimi ruħu mir-responsabbilta' penali dwar din l-infrazjoni tal-liġi meta iddispona fis-sub-artikoli (1A) u (1B) ta' l-istess artikolu illi:–

> **(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).**
>
> **(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.**

Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta' l-istess Att jipprovdi hekk:

> **Polza ta' assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta' din l-Ordinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmi "ċertifikat ta' assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta'assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta' assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta' din l-Ordinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikun iċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.**

Illi, huwa evidenti minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta ir-reita' kull meta ma jkunx hemm fis-seħħ favur il-persuna imputata bir-reat taħt l-Artikolu 3 polza ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla tal-persuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta' kriminali meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b'polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta'l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta'l-artikolu 4(4) ta'l-Ordinanza **<u>favur tiegħu</u>**. Illi din il-Qorti ma tistax allura taqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti illi huwa biżżejjed li jkun hemm ċertifikat ta' assigurazzjoni maħruġ fuq kwalunkwe persuna, għaliex l-artikolu 4(4), li

jagħmel referenza għalih l-artikolu 3(1A), jinneċċesita illi dan ikun maħruġ favur dik il-persuna li tkun qed issuq il-vettura, u l-kwistjoni dwar jekk l-obbligazzjonijiet naxxenti minn din il-polza tal-assigurazzjoni għandhomx ikunu onorati xorta waħda mis-soċjeta assiguratriċi għalkemm il-vettura ma tkunx misjuqa minn sewwieq awtorizzat skont il-polza tal-assigurazzjoni, hija *res inter alios acta*, u kif tajjeb tistqarr l-Ewwel Qorti hija kwistjoni purament ta' natura ċivili li ma għandha ikollha ebda piż fil-kamp penali.

Illi, miċ-ċertifikat ta' assigurazzjoni ppreżentat mir-rappreżentant ta' *Mapfre Middlesea Insurance,* Tanya Chetcuti, jirriżulta li hemm polza ta' assigurazzjoni fuq saqajha li tkopri l-vettura tal-għamla Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni RAI 999. Jirriżulta ukoll li tali polza daħlet fis-seħħ nhar il-5 t'Awwissu 2021 u kienet tiskadi nhar it-30 ta' Lulju 2022. *In oltre*, mill-istess dokument jidher li l-"*Authorised Drivers*" tal-vettura in kwistjoni kienu "*The Policyholder (David Grima), Justin James Grima (ID 0124295M) and Any Driver Over 25 years driving on the Policyholder's order or permission*".

Illi, ukoll mit-testimonjanza tar-rappreżentant ta' *Transport Malta,* Karen Cremona, jirriżulta li l-appellat kellu "*probation driving licence*" li bdiet mis-7 ta' Frar 2018 u damet viġenti sat-13 ta' Ġunju 2019, u dana għaliex ġiet imbagħad revokata minħabba l-punti kontravvenzjonali minnu akkumulati. Minn dakinhar l-appellat qatt ma applika sabiex tinħareġ liċenzja tas-sewqan favur tiegħu u għalhekk fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan, kif *del resto* ammetta huwa stess.

Illi, esposti dawn il-fatti probatorji, jirriżulta minn eżami taċ-ċertifikat ta'l-assigurazzjoni eżebit a fols.7 u 8 tal-atti illi l-appellat huwa imniżżel bħala wieħed mis-sewwieqa awtorizzati fuq il-polza u dan għalkemm huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan fuq ismu. Issa mix-xiehda ta' Tanya Chetcuti rappreżentant tas-soċjeta assiguratriċi ma jirriżultax x'kien il-mottiv li wassal lill-imsemmija soċjeta toffri din il-kopertura meta ma kienx hemm ottemperanza mat-termini u kundizzjonijiet tal-polza, jew inkella jekk dan il-fatt materjali kienx ġie mistur lilhom mill-assiguratur David Grima. Dan qed jingħad għaliex huwa pależi illi n-nuqqas ta' liċenzja tas-

sewqan hija waħda mir-restrizzjonijiet għal kopertura kkuntrattata bejn l-assigurat u l-assiguratur[1].

Illi, kif gie stabbilit fil-kawzi bl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Plamen Petko"[2] u "Il-Pulizija Vs Jonathan Grech"[3] –

> **"…. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali *Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef*[4] meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza *Il-Pulizija vs. Carlo Abela*[5] fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali , ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq, jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx tkopri lil dak id-driver. Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert"**

Illi, hekk kif ġie ritenut minn dina l-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Gilbert Gatt" deċiza nhar il-11 ta' Mejju 2023 –

> **F'kull kaz, anki kieku l-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha, jkunx licenzjat jew le, jkun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.**

Illi allura kien jispetta lill-appellat jipprova, ġaldarba huwa ammetta li ma kienx kopert b'liċenzja tas-sewqan, illi il-polza ta'l-assigurazzjoni maħruġa ukoll favur tiegħu kienet toffri kopertura fl-eventwalita' illi huwa jikkaġuna ħsara lil terzi. Illi ma jidhirx illi meta xehdet rappreżentant tas-soċjeta tal-assigurazzjoni, l-appellat poġġielha din il-mistoqsija u dan meta kellu jkun ben konxju tar-restrizzjonijiet li hemm fuq kwalunkwe polza ta' l-assigurazzjoni meta xufier ma jkollux liċenzja tas-sewqan. L-appellat, iżda, din il-prova ma jagħmilhiex u jistrieħ sempliċement fuq il-

[1] https://www.mapfre.com.mt/media/IPID-Motor-MTRI-V4.0-010423.pdf
[2] Deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Novembru 2006.
[3] Deċiza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Jannar 2007.
[4] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta Settembru 2002.
[5] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1996.

provi li ressqet il-Prosekuzzjoni li ma kenux suffiċjenti sabiex il-presunzjoni li tistabbilixxi l-liġi li ma kienx hemm kopertura assigurattiva tingħeleb.

Tant hu hekk illi l-artikolu 10(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jeżenta lis-soċjeta tal-assigurazjoni milli tipprovdi kopertura lil terz li jkun sofra ħsara, liema ħsara tkun ġiet kanonizzata b'sentenza tal-qorti, jekk tipproċedi sabiex tannulla il-polza tal-assigurazzjoni abbażi tal-fatt illi l-assigurat ikun ħeba minnha xi fatt materjali għal ħruġ tal-imsemmija polza:

> **(3) Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk, f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal dik ir-raġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha."**

Konsegwentement tenut kont tad-diċitura tal-liġi applikabbli għal din l-imputazzjoni in dizamina, ma setatx l-Ewwel Qorti tistrieħ unikament fuq iċ-ċertifikat ta' l-assiġurazzjoni eżebit u dana peress li ġie ppruvat mingħajr l-ebda dubbju, li l-appellat ma kellux liċenzja tas-sewqan u għalhekk ma seta' jkun qatt kopert bl-istess. Kien jispetta lill-appellat, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, li jipprova li dak iċ-ċertifikat ta'l-assigurazzjoni kien wieħed validu, tenut kont tar-restrizjonijiet fuq il-polza li joħorġu *ex lege*, liema prova huwa jibqa' qatt ma jressaq għalkemm kellu jkun ben konxju ta' dawn ir-restrizjonijiet. L-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jipprospetta l-ħtija tal-persuna li ssuq vettura meta il-polza ta' l-assigurazzjoni ma tkopriex tali sewqan minn dik il-persuna. Illi l-prova, kif ingħad, ma ssirx mill-Prosekuzzjoni, iżda trid issir mill-persuna mputata, prova li neċessarjament hija f'idejh bħala dik il-persuna li hija mixlija bl-att vjolattiv. Dan għaliex hekk kif ikun hemm ix-xilja taħt il-Kapitolu 104, hemm il-presunzjoni illi ma kienx hemm polza ta'l-assikurazzjoni, liema presunzjoni trid tingħeleb mill-persuna mixlija bir-reat. Illi din il-prova ssir bil-produzzjoni ta' ċertfikat ta' l-assigurazzjoni li għandu jkun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbilit fl-artikolu 4(4) ta' l-Att, u fuq kollox illi dan iċ-ċertifikat huwa tali li jkopri

kwalunkwe ħsara li talvolta tista' tkun minnu kkaġjonata waqt li hu kien qiegħed isuq il-vettura.

Illi, t-test bl-Ingliż ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, fil-fehma tal-Qorti huwa iktar ċar u inekwivoku meta hemm hekk dispost:

> **Subject to the provisions of this Ordinance, it shall not be lawful for any person to use or to cause or permit any other person to use a motor vehicle on a road unless there is in force <u>in relation to the use of the vehicle by that person or that other person,</u> as the case may be, such <u>a policy of insurance</u> in respect of third-party risks as complies with the requirements of this Ordinance. (<u>enfazi tal-Qorti</u>)**

Illi din d-diċitura adoperata, għalhekk, turi x'kien il-ħsieb tal-leġislatur meta kien imfassal dan ir-reat u ċioeħ il-ħtieġa ta' prova dwar l-eżistenza <u>ta' polza ta'l assigurazzjoni, u mhux sempliċement ċertifikat,</u> li tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ordinanza u li tkopri lis-sewwieq li jkun kiser il-liġi u li hi maħruġa favur tagħha, u dan skont id-disposizzijonijiet tal-artikolu 4(4) ta'l-Att. F'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji l-Qorti ma tarax illi l-appellat jista' jaħrab mir-responsabbilta' penali għal din l-infrazjoni tal-liġi meta huwa evidenti illi huwa lanqas biss kien liċenzjat li jsuq. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqies li l-aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment u li l-Ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta għaddiet sabiex tillibera lill-appellat mit-tieni mputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Għal dawn ir-raġunijiet suesposti, dina l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tirriforma s-sentenza appellata billi:**

- **i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu; u**
- **ii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat it-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-appellat bħala preskritta; u**
- **iii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni akkuza miġjuba kontrih u minflok issibu ħati ta' l-istess, u dana ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta; u**

**iv) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellat multa ta' €600 u minflok timponi multa ta' €3,000; u**

**v) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn imponiet fuq l-appellat skwalifika milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien ta' tmint ijiem u minflok tiskwalifika lill-istess appellat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal zmien ta' sena u xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**